MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 390/2012

Il-Pulizija

(Spettur Jesmond Micallef)

vs

**Kenneth Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Kenneth Ellul, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-30 ta` Ottubru, 2008, matul il-jum ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa l-fond numru 44, Triq Annibale Preca, Lija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta` € 2,330 u li sehh ghad-deteriment ta` John Fenech Adami;

Talli fl-4 ta` Novembru, 2008 ghal habta tal-erbgha u nofs ta` wara nofs inhar, gewwa l-fond numru 103A, Triq tal-Borg, Paola, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dan kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dan is-servizz;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b) (c) (e), 263 (a), 264 (1), 265, 266, 267, 269 (g), 278 (3), 279 (b), 280 (2), 281, 95 (1), 96 (a), 49, 50, 51, 289, 17, 23, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkunndannatu ghall-terminu ta` prigunerija ghall-perjodu ta` sentejn (2) mil-lum izda ordnat illi dan il-perjodu ma jibdiex isehh sakemm, fiz-zmien ta` erba` (4) snin mil-lum, l-imputat jinstab hati ta` reat iehor li jgib mieghu terminu ta` prigunerija u dan a tenur tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta' Awwissu, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat Kenneth Ellul ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, u tbiddilha fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ġusta u idoneja skont il-Liġi, mhux taħt il-minimu stabbilit.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-23 ta' Lulju 2012 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l- artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata illi għalkemm l-appellat instab ħati tar-reati kollha adebittati lilu, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi kif kjarament rikjesta mil-leġislatur fl-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, in kwantu mponiet piena taħt il-minimu stabbilit għal każ odjern meta dan il-każ qatt ma kellu l-attribwiti biex jiġi meqjus fid-dawl ta' dan l-artikolu.
Illi l-esponent Avukat Ġenerali jsostni illi minkejja li l-Qorti kellha s-setgħa u eserċitat tali setgħa biex tnieżżel il-piena taħt il-minimu, ir-raġunijiet miġjuba mhumiex komulitavament speċjali u eċċezzjonali hekk kif jirrikjedi l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **tassativament**.

Illi bid-dovut rispett lejn il-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-artikolu 21 ma kellux jiġi applikat fil-każ odjern u dan għas-segwenti raġunijiet:

1. L-ewwel binarju li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sserraħ fuqu sabiex tapplika l-artikolu 21 huwa propju li l-appellat waqqaf id-dipendenza tiegħu mid-droga, u li issa jgħix ħajja normali barra l-kriminalita`. Din ir-raġuni ma tikkostitwixxix element la speċjali u wisq inqas eċċezzjonali. Kull persuna għandu juri rispett lejn persuntu billi jesponi ruħu għall-affarijiet li jissanawh minflok jeqirduh. J'Alla l-appellat jibqa' miexi f'din it-triq! Iżda, dan ir-rispett li llum l-appellat akkwista lejh innifsu, ma jirrendix ir-reati li għamel kontra s-soċjeta` fix-xejn. Il-Qrati tagħna, bid-dovut rispett, għandhom iqisu li l-ħajja tal-vittmi tas-serq kienet drastikament iddisturbata meta l-appellat daħal klandestinament fil-privatezza ta' darhom, mess dak kollu li huwa personali għalihom u kaxxkrilhom dak kollu li kien ta' valur, kemm sentimentali u kemm dak li mhux. Il-Qorti ma tistax lanqas twarrab il-fatt li l-appellat ittanta jaggredixxi lil Surġent b'oġġett iebes meta dak kien jeżekwixxi l-qadi ta' dmirijietu f'isem l-ordni u l-ġustizzja. F'dan il-kuntest sentenza ta' priġunerija *sospiża* la hija opportuna u wisq anqas adegwata.

2. It-tieni raġuni elenkata fis-sentenza hija propju li l-imputat ġab ruħu b'mod tajjeb u diliġenti meta kien detenut. Illi bid-dovut rispett, il-komportament rispettuż lejn l-awtoritajiet taċ-ċentru tad-detenzjoni u r-residenti tal-post huwa dmir ta' kull persuna li ssib ruħha f'detenzjoni. Għaldaqstant, min, kif inhu mistenni minnu jobdi r-regoli tal-istituzzjoni ma jkun qed jagħmel l-ebda għemil speċjali u eċċezzjonali.

3. Il-Qorti tal-Maġistrati ssostni li l-fatt li l-appellat irabbi tifel ta' eta` żgħira juri volonta` sabiex wieħed jgħix fin-normalita`. Għalkemm l-esponent jifhem dan l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Qorti, b'kull rispett ma jaqbilx li dan il-fatt għandu jimmilita favur riduzzjoni fil-piena, u dana mhux biss għax b'hekk jinħoloq periklu ta' diskriminazzjoni bejn dawk il-ħatja li jrabbu t-tfal u dawk li ma jrabbux, iżda wkoll il-għaliex b'kull rispett jekk l-appellat verament kien jinteressah il-ġid u l-interess ta' ibnu minuri, kellu jqis għemilu *qabel* ma wettaq ir-reati li nstab ħati tagħhom, u mhux wara! F'dan il-kuntest, għaldaqstant, lanqas dan ma huwa fattur speċjali u eċċezzjonali kif ravviżat fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 9.

4. Ir-raba' raġuni elenkata fis-sentenza hija li parti mir-rifurtiva ġiet rekuperata! Mill-atti tal-proċess joħroġ ċar illi l-unika rifurtiva rekuperata kienu par imsielet (vide fol. 115 tal-proċess), liema msielet ġew rekuperati ndipendentament mill-volonta` tal-appellat, għax is-sinjuri Fenech Adami kienu rriskontraw dan il-ġojjel għand terza persuna każwalment. Ċertament din is-sitwazzjoni ma tinkwadrax ruħha fl-ispeċjalita` u l-eċċezzjonalita` prevista mil-leġislatur fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. *Di piu'* is-sentenza tinkorpora l-ammissjoni tal-appellat fil-lista tar-raġunijiet speċjali u eċċezzjonali. Tajjeb wieħed ifakkar li l-inkjesta maġisterjali tat riżultat pożittiv għall-impronti tas-seba' tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Ellul meta dan ġie mqabbel ma' print f'dok. 308. *Inoltre*, l-Liġi tirrikjedi li sabiex wieħed jibbenifika minn ammissjoni, din trid tkun waħda bikrija. Il-proċeduri odjerni kontra l-appellat bdew fis-6 ta' Novembru 2008 u l-appellat Kenneth Ellul ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2011, tlett snin wara! Skont każistika in materia, dan il-fatt jipprekludi l-benefiċċju ta' piena miti fil-konfront tal-ħati.

> *'Il-Qorti tirrileva li l-appellant kien għamel din l-ammissjoni tiegħu mhux f'xi stadju bikri tal-proċeduri kontrih iżda ħafna wara l-bidu ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt il-proċeduri kriminali bdew fis-17 t'April 1997, fil-fatt l-ammissjoni tiegħu saret fit-18 ta' Novembru 1997, ċjoe` seba' xhur wara u dan wara li l-prosekuzzjoni kienet ġa' eżawriet il-provi tagħha kollha u kien imiss lill-appellant, allura appellant jibda bil-provi tiegħu. ....... Illi għalhekk dawn huma ċirkostanzi li ċertament jimmilitaw kontra Steven Zahra meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra jekk jistħoqqlux mitigazzjoni fil-piena. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi biss, din il-Qorti tara li dan l-appellant ċertament ma jikkwalifikax għal xi riduzzjoni fil-piena[1]'.*

Fil-każ odjern, l-appellat għamel ammissjoni tardivament waqt il-proċeduri. L-esponent Avukat Ġenerali jirrileva li skont ġurisprudenza *ormai* stabbilita, li anke li

[1] Il-Pulizija vs. Steven Zahra [26/05/1998] Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction).

kieku l-ammissjoni kienet bikrija, dan il-fatt ma jinkwadrax ruħu fl-ispeċjalita` u l-eċċezzjonalita` tal-imsemmi artikolu 21 biex l-appellat jibbenefika minn piena taħt il-minimu.

> *'Hu paċifiku fil-ġurisprudenza li biex Qorti tagħti piena taħt il-minimu, irid ikun hemm "raġunijiet speċjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza"... Ammissjoni bikrija u li l-imputat ikun għamel tajjeb għall-ħsara minnu kaġunata ma jikkwalifikawx bħala raġunijiet speċjali u straordinarji*[2]*'.*

6. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tagħlaq il-lista tar-raġunijiet tagħha, billi ssemmi li l-*probation officer* Joanna Farruġia rrakomandat il-piena ta' probation fil-pre-sentencing report, li Abraham Zammit faħħar lill-appellat bħala persuna fdata matul il-perjodu tad-detenzjoni, u li s-*social worker* Clara Attard rrimarkat li l-appellat dejjem attenda għall-appuntamenti tagħhom. Bir-rispett kollu, l-esponent Avukat Ġenerali jirrileva li fil-waqt li japprezza bis-sħiħ il-kontribuzzjoni tal-*probation officers*, is-*social workers* u tax-xhieda tad-direttur tal-Habs, dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jittieħdu fil-kuntest tagħhom b'dana illi jibqgħu biss *rakkomandazzjonijiet* u b'ebda mod ma għandhom jirrimpjazzaw il-ġudizzju bbażat fuq il-fatti tal-każ u d-disposizzjonijiet tal-liġi applikabbli għalih. Kif ġie rilevat aktar 'il fuq f'dan l-umli rikors, il-fatt li l-appellat jidher li ġab ruħu sew fil-perjodu li matulu kienet qed tinstema' din il-kawża, għalkemm ċertament fattur pożittiv, ma huwa xejn speċjali, straordinarju, jew eċċezzjonali aktar minn dak mistenni minnu. B'kull rispett, il-fatt li persuna 'iġġib ruħha sew' *wara* li tagħmel reat sakemm tiġi sentenzjata m'għandux jimmilita favur riduzzjoni tal-piena, aktar u aktar meta l-fedina penali ta' tali persuna jkun fiha sew x'tixtarr.

Fl-aħħarnett, l-esponent Avukat Ġenerali jiġbed ukoll l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux biss għall-fedina penali, iżda aktar preċiżament għall-fatt li l-appellat huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9, u kwindi anke tali reċedivita` kellha timillita *kontra* l-applikazzjoni tal-artikolu 21, dan naturalment meħudin ukoll in konsiderazzjoni l-fatturi kollha l-oħra suċittati.

[2] Il-Pulizija vs. Dimech Ryan [04/11/2004] Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda biss l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali da parti mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti elenkat ir-ragunijiet taghha ghaliex fil-fehma taghha setghet tapplika l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-ewwel Qorti elenkat sitt ragunijiet ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu. Ir-ragunijiet ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tilqa dawn is-sitt ragunijiet huma spejgati fir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali u ma hemmx il-lok li wiehed jierga jirrepetihom.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma tirrikjediex sensiela interminabbli ta' ragunijiet straordinarji u specjali. L-eewl Qorti elenkat sitt izda jekk wiehed jiflihom sew mhemmx dubju li xi whud minnhom huma valida ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi.

Illi jirrizulta li meta sehhew l-incdenti meritu ta' dan l-appell, l-appellat kien mahkum mill-vizzju tad-droga u kien dan il-fatt li, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa, hajritu biex jidhol fil-fond hawn fuq indikat. Minn dak iz-zmien sakemm giet pronunzjata l-ewwel sentenza jidher li l-appellat gheleb dan il-vizzju. L-Avukat Generali hu tal-fehma li din mhiex xi haga serja izda hawnhekk qed jinsa li percentwali kbira tas-serq f'pajjizna hu konsegwenza ta' dan il-vizzju. Il-fatt li din il-persuna jidher li qed jpoggi warajha dan il-vizzju hi haga tajba. Hawnhekk, ta' min jaghmel referenza ghall-appell deciza min din il-Qorti diversament presjeduta (per Imhallef Vincent Degaetano) tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. George Farrugia' fejn dik il-Qorti ghamlet accenn specifiku ghall-uzu ta' "a window of oportunity" fil-hajja ta' persuna anki jekk hi recidiva.

Illi l-ewwel Qorti strahet fuq il-pre-sentencing report u fuq il-programme report imhejja ghall-ewwel Qorti.  Hu car li l-ewwel Qorti studjat dawn ir-rapport u kienet tal-fehma li r-rakkomandazzjoni ta' dawn ir-rapporti kellha taghmilhom taghha.

Illi din il-Qorti mhiex tal-fehma li l-fatturi l-ohra msemmija mill-ewwel Qorti, ghajr forsi l-ammissjoni da parti tal-appellat, tista' tikkunsidrhom bhala ragunijiet specjali u straordinarji.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet ragonevolment u legal ment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

Illi din il-Qorti osservat li l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellat taht l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali minghajr ma specifikat is-somma li l-appellat ghandu jhallas ghall-hatra ta' periti.  Din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u jirrizulta li l-ammont li jrid ihallas l-appellat hu ta' seba' mija u erbgha u sittin euro u sittax il-centesimu (€764.16).

Ghaldaqstant, tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-appellat irid ihallas is-somma ta' €764.16 lill-Gvern ta' Malta fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------